# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru: 881/2020MH**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2021**

**Ismijiet:**

**L-Avukat Michele Cardinali bħala**
**Mandatarju speċjali tas-soċjeta'**
**Inpact S.R.L. REA NA 882102**

**Vs**

**F.B. Distribution**

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi:**

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tieghu jikkonferma:*

1. *Illi din hija talba għall-ħlas dovut inkluż l-interessi kemm legali u kummerċjali li qed issir a tenur ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi s-soċjeta' rikorrenti tbiegħ ippakkjar ġeneriku kif ukoll ippersonalizzat bl-ingrossa u/jew bl-imnut;*

3. *Illi F.B.Distribution Limited (C-80813) ingaġġat is-servizzi tas-soċjeta' rikorrenti u ordnat diversi prodotti mingħanda;*

4. *Illi s-soċjeta' rikorrenti kkunsinjat numru ta' prodotti lil F.B.Distribution, iżda s-soċjeta' F.B.Distribution Limited ma ħallsitx għal dawn il-prodotti;*

5. *Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lis-soċjeta' F.B. Distribution Limited diversi drabi sabiex tħallas l-ammont dovut, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 153/2019, iżda din baqgħet inadempjenti;*

6. *Illi l-partijiet waslu għal ftehim u daħlu f'Settlement Agreement nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok.1****), fejn il-partijiet stipulaw illi F.B.Distribution Limited hija debitriċi ta' Inpact S.R.L. għal numru ta' prodotti li ġew ikkunsinjati lilha, kif ukoll għal numru ta' prodotti li għad għandhom jiġu riċevuti mid-debitur pero liema ġew ordnati u manufatturati skond din l-ordni;*

7. *Illi l-valur tal-prodotti li għad iridu jiġu kkunsinjati mill-kreditur jammonta għal tmint elef, disgħa mija u disgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmi (€8,990.65), filwaqt li l-valur tal-prodotti diġa kkunsinjati mill-kreditur*

*jammontaw għal għaxart elef, tmien mija u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmi (€10,870.90);*

8. *Illi dawn l-ammonti sopraċitati u dovuti lis-soċjeta' estera huma rifletti fl-invoices annessi u mmarkati bħala* **Dok. 2** *flimkien ma' dan ir-rikors ġuramentat;*

9. *Illi permezz ta' dan il-ftehim F.B.Distribution Limited assumiet l-obbligu li tħallas l-ammont dovut b'mod perjodiku skond it-termini u kundizzjonijiet tas-Settlement Agreement;*

10. *Illi l-ftehim jistipula li mix-xahar ta' Mejju tas-sena 2020, F.B.Distribution Limited kellha tibda tħallas l-ammont t' elf Ewro (€1,000) fl-aħħar ta' kull xahar, għal tnax il-xahar lil Inpact S.R.L;*

11. *Illi l-ftehim jistupula wkoll li fit-13 u l-14 -il xahar, is-soċjeta' F.B. Distribution Limited ghandha thallas l-ammont ta' tlett elef disa' mija u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€3,930.78);*

12. *Illi F.B.Distribution Limited halset l-ewwel pagament ta' elf Ewro skond il-kuntratt bejn il-partijiet rappreżentanti l-ammont dovut għax-xahar ta' Mejju;*

13. *Illi F.B.Distribution Limited naqset milli tħallas l-ammont dovut għax-xahar ta' Ġunju tas-sena 2020 u ċioe wara l-ewwel pagament dovut din kienet inadempjenti fil-ħlas;*

14. *Illi għaldaqstant, Inpact S.R.L. interpellat lil F.B. Distribution Limited sabiex tħallas l-ammont dovut, permezz ta' ittra legali mibgħuta bil-posta*

*reġistrata (hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok.3***), u dan skond dak stipulat f'punt disgħa tas-Settlement Agreement;*

*15.Illi s-soċjeta' F.B.Distribution Limited naqset milli tħallas ukoll l-ammont dovut għax-xahar ta' Lulju;*

*16.Illi għaldaqstant, is-soċjeta' Inpact S.R.L. ma kelliex għażla oħra għajr li tressaq dan ir-rikors sabiex titlob l-intervent ġudizzjarju għal rimedju ai termini tal-liġi;*

*17.Illi l-ftehim jistipula li jekk id-debitur jibqa' inadempjenti wara li jiġi nnotifikat mill-kreditur sabiex iħallas l-ammont dovut, jibda' jiddekorri l-interess bir-rata ta' 8% per annum fuq l-ammont dovut, sakemm dan jiġi mħallas kollu;*

*18.Illi rigward il-mod ta' kif għandu jiġi kkalkulat l-interess, il-ftehim jistipula li fil-konfront tal-ammont tal-prodotti li diġa ġew ikkunsinjati, jiġifieri l-ammont ta' għaxart elef, tmien mija u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmi (€10,870.90), l-interess jibda' jiddekkorri mill-ġurnata li ġew ikkunsinjati l-prodotti, u cioe:*

- *51 Euro minn Lulju tas-sena 2018;*
- *2,395.55 Euro minn Awwissu tas-sena 2018;*
- *2,280.60 Euro minn Settembru tas-sena 2018;*
- *6,143.75 Euro minn Jannar tas-sena 2019.*

*19.Illi rigward il-kumplament tal-ammont dovut, jiġifieri t-tmint elef, disgħa mija u disgħin Ewro u ħamsa u sitti ċenteżmi (€8,990.65), il-ftehim jistipula*

*li dan l-ammont u l-interessi li jiddekkori fuqu jsir dovut malli d-debitur ikun inadempjenti fil-ħlas u ċioe minn Ġunju tas-sena 2020;*

*20.Illi fil-fehma tal-esponent s-soċjeta' intimata m'għandha ebda eċċezzjoni x'tissolleva kontra t-talbiet tal-istess esponent;*

*21.Illi l-esponent jaf personalment b'dawn il-fatti kif esposti;*

*22.Illi jeżistu l-elementi rekwiziti u legali sabiex ikun hemm d-dispenza mis-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;*

*23.Illi għaldaqstant, l-ammont totali dovut mis-soċjeta' F.B.Distribution Limited huwa ta' tmintax -il elf, tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċentemżu (€18, 861.55) salv l-interessi;*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-esponenti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' Inpact s.r.l. fl-ammont ta' tmintax -il elf, tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċentemżu (€18, 861.55);*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata hija obbligata li tħallas lis-soċjeta' Inpact s.r.l. l-interessi mid-dati rispettivi kif spjegati fil-premessi numru 18 u 19 ta' dan ir-rikors ġuramentat;*

4. *Tillikwida l-ammont dovut mis-soċjeta' F.B. Distribution Limited lis-soċjeta' Inpact s.r.l. inkuz l-interessi;*

5. *Tordna lis-soċjeta' F.B. Distribution Limited sabiex tħallas l-ammont hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti, lis-soċjeta' Inpact s.r.l. mingħajr dewmien.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat u bl-interessi legali.*

Rat ir-risposta ġuramentata.

Rat il-provi kollha prodotti ukoll l-atti kollha tal-kawża.

Ikkonsidrat:

Rat il-provi prodotti senjatament id-dokument *" Settlement agreement"* esebit mar-rikors ġuramentat[1] ukoll ix-xhieda bl-affidavit ta' Diego Rubini permezz ta' affidavit.[2]

Ikkonsidrat:

Illi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet eċċezzjoni mressqa jaqraw illi:

*"...ir-rikors promotur ma jirispettax r-rekwiżiti tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u dana billi r-rikors ma jinkludix l-ordni lill-konvenut jinkludix l-ordni lis-soċjeta' konvenuta sabiex tidher quddiem il-Qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija lilu, u għaldaqstant l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda;*

[1] Dok1 folio 7
[2] Dok 5 folio 35

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante illi s-soċjeta intimata għandha l-eċċezzjonijiet u provi xi tressaq;*

*Illi ċertament illi ma jistax jingħad illi l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi jikkostitwixxi dejn ċert, likwidu u dovut meta r-raba' talba tal-istess soċjeta' attriċi saħansitra qiegħed titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tillikwida l-ammont dovuti;"*

Illi l-Qorti bla tlaqliq tgħid illi dawn it-tlett eċċezzjonijiet għandhom jiġu milqugħa.

Illi ġia mad-daqqa t'għajn tar-rikors promotur jidher li dan ma jsegwix id-dettati tal-liġi għal proċeduri sommarji kif prospettati fl-Artikolu 167 et tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt l-intestatura tar-rikors promotur issegwi id-dettati tal-formalita' ta' rikors ġuramentat u mhux dak prospettat għal proċeduri sommarji.

Illi t-tieni eċċezzjoni ssegwi l-ewwel waħda in kwantu r-rikors ġuramentat jorbot miegħu d-dritt tad-difiża fit-terminu dettat bil-liġi fil-forma ta' risposta ġuramentata.

Illi t-tielet eċċezzjoni tirriferi għall-artikolu 167(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. U anke hawn il-Qorti tqies li l-eċċzzjoni hija waħda sostenuta mill-fatt stess ta' kif impostata t-talba attriċi. Fil-fatt ir-raba' talba hija waħda da likwidarsi li tmur kontra l-ispirtu intiż fil-proċeduri ta' natura sommarji kkontemplati fl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talba da likwidarsi timporta magħha eżami approfondit tal-provi li qajla jagħtu lok għal proċeduri ta' natura spedittiva u ma jirriflettux dejn li huwa ċert likwidu u dovut.

**Konsegwenetement l-ewwel tlett eċċezzjonijiet huma milqugħa.**

Minn naħa l-oħra tara lli s-soċjeta' konvenuta nonostante li ħadet l-iżbriga li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha ma ressqet ebda provi fir-rigward. Fil-fatt il-Qorti ħalliet il-kawża għal provi tal-konvenuti pero naqsu li jersqu għas-seduta stabbilita. Mhux talli hekk talli l-avukat li kien qed jippatroċinja s-soċjeta' konvenuta ddikjara illi kien tilef kuntatt mal-istess u kien qiegħed għalhekk jirrinunzja għal patroċinju tal-istess.

Illi wara li eżaminat id-dokument illi fuqu hija bbażata din il-vertenza tara illi t-talba attriċi hija waħda valida. Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet illi da parti tad-debituri kien ġie effetwat pagament ta' elf euro. Jirriżulta ukoll illi qabel mall-partijiet intavolaw il-kawża odjerna huma kienu interpellaw lis-soċjeta' konvenuta b'ittra legali ġia esebita mar-rikors promotur, dok3[3].

**Konsegwentement tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet fis-sens illi tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi Inpact S.R.L. fl-ammont ta' tmintax -il elf, tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€18, 861.55) u lis-soċjeta' konvenuta hija obbligata tħallas lis-soċjeta' Inpact S.R.L interessi mid-dati kif spjegati fil-premessi numru 18 u 19 tar-rikors promotur.**

**Invista tal-premess tiċħad ir-raba' u ħames talbiet ukoll il-kumplament tal-eċċezzjonijiet mressqa.**

**In vista ta' kif ġiet impostata l-kawża u l-eċċezzjoni milqugħa kull parti għandha tbati l-ispejjeż minnha nkorsi.**

[3] Folio 21. Ġiet esebita ukoll nota li turi tat-2 gta' Lulju, 2021 ġiet riċevuta mis-soċjeta konvenuta tramite posta registrata.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**